FGURA

Minuti tal-laqgħa numru tnax tas-sitt Kunsill Lokali Fgura li nżammet illum l-Erbgħa 24 ta' Frar 2010 fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Fgura. Il-laqgħa bdiet fis-6.30pm. Din il-laqgħa kienet issejħet skont Artikolu 29A tal-att dwar il-Kunsilli Lokali.

**<u>Suġġett : Memorandum dwar proġetti tal-UE</u>**

**Preżenti:**

**Sindku:** Is-Sur D. Marmara KLJ

**Kunsillieri:** Is-Sur P Dalli
Is-Sur M Lombardo
Is-Sur A Debono
Is-Sur C Bonello

**Segretarju:** Is-Sur A. Grima

Il-Viċi-Sindku, is-Sur S Camilleri u s-Sinjura R Cutajar kienu nfurmaw li ma' setgħux jattendu.

Is-Sur C Bonello għamel referenza għall-memorandum li kien intbagħat lill-membri tal-Kunsill mill-Viċi-Sindku u li kien is-suġġett tad-diskussjoni għal din il-laqgħa ta' urġenza. Wara li saret diskussjoni, is-Sur C Bonello ressaq mozzjoni ref: 2642/10/6 "Il-Kunsill Lokali ltaqa' llum sabiex jiddiskuti komunikat li ressaq il-Viċi-Sindku permezz ta' email fit-12 ta' Frar 2010. Peress li l-Viċi-Sindku mhux preżenti, mhuwiex opportun li dan il-komunikat jiġi diskuss fl-assenza tiegħu. Għalhekk il-Kunsill jiddeċiedi li jerġa' jiltaqa' nhar it-Tnejn 1 ta' Marzu 2010 fis-7pm bl-istess aġenda." Din kienet sekondata mis-Sur M Lombardo. Il-mozzjoni ref: 2642/10/6 kienet approvata nem con.

Il-laqgħa ntemmet fis-6.45pm.

Sindku                                        Segretarju